**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta’ Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 610/2012 AF**

**Avukat Julienne Portelli Demajo fil-kwalita’ taghha ta’ mandatarja specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta’ GECX Group Italy SpA, socjeta’ registrata f’Milan, l-Italja**
**vs**

**Fabrizio Loioli (Passaport Taljan numru AA 3838415)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta’ estera GECX Group Italy SpA kif debitament rapprezentata mill-mandatarja specjali taghha l-Avukat Dottor Julienne Portelli Demajo (ID 245084) li tikkonferma bil-gurament taghha stess u kif debitament awtorizzata biex tidher fuq dan l-att, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

1. Is-socjeta’ estera GECX Group Italy SpA (“GECX”) hija kreditrici tal-konvenut Fabrizio Loioli f’somom ingenti liema somom appartenenti lilha, gew imdawwra mill-istess konvenut Fabrizio Loioli f’ismu proprju b’misapproprijazzjoni, frodi, ad insaputa u ghad-dannu tal-istess GECX;

2. Fis-sitta (6) ta' Dicembru 2011 GECX dahlet f'kuntratt (*"Joint Venture Agreement")* ma' GETOIL Ltd ("GETOIL") socjeta' irregistrata fil-Gzejjer Marshall, li l-mohh warajha u r-rapprezentant taghha huwa l-konvenut Fabrizio Loioli, u permezz ta' dak il-ftehim GETOIL kellha tixtri gass tat-tip LPG sabiex tbieghu lil klijent specifiku introdott mill-istess GECX ossija Hellenic Petroleum SA;

3. Getoil kisret id-disposizzjonijiet ta' dak il-kuntratt u s-socjeta' GECX ghadha dovuta somom ingenti, liema vertenza separata issa tressqet ai termini ta' dak l-istess ftehim fi procedure arbitrali gewwa Milan, l-Italja;

4. Di piu, oltre l-ksur tad-disposizzjonijiet kuntrattwali da parti ta' GETOIL, irrizulta bl-aktar mod car u kif sejjer jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawza illi l-konvenut Fabrizio Loioli bi frodi u misapproprijazzjoni, u naturalment ad insaputa tal-istess GECX, bi ksur tal-ligi, dawwar flus appartenenti lill-istess GECX fuq ismu personali;

5. Dawn il-flus gew frawdolentement trasferiti fuq kontijiet bankarji li fuqhom ghandu kontroll l-istess Loioli, fosthom kontijiet bankarji f'Malta, ghad-dannu ta' GECX u huwa ghalhekk illi l-istess socjeta' pprocediet bit-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru (Numru 720/12) u qed tintavola dawn il-proceduri;

6. Taht dak il-kuntratt imsemmi GECX kienet thallas u tghaddi somom ingenti ta' flus lil GETOIL f'kont bankarju tal-istess GETOIL f'Malta (Lombard Bank – MT02LBMA 05000000000003440112559) u kien minn dak l-istess kont li minflok ma' thallset lura GECX skond il-kuntratt, il-konvenut Loioli frawdolentement dawwar fuqu innifsu flus appartenenti lill-istess GECX li kellhom jigu uzati u mhallsa skond il-ftehim;

7. Fi ftit kliem, il-konvenut frawdolentement approprja favur tieghu ammonti kbar li s-socjeta' rikorrenti avvanzat lil GETOIL taht il-kuntratt u li jappartjenu lilha;

8. Din l-Onorabbli Qorti ghandha guridizzjoni sabiex jisimghu u jiddeciedu din il-vertenza a bazi tal-Artikolu 5 (3) tar-Regolament Nru. 44/2001/KE in kwantu minkejja d-domicilju Taljan tal-konvenut Loioli, Malta huwa l-post ta'fejn sehh l-avveniment delittwali lanjat;

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut bi frodi u misapproprijazzjoni dawwar ghalih innifsu flus appartenenti lis-socjeta' attrici b'mod illegali u ad insaputa taghha minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tal-istess socjeta' flus appartenenti lilha taht il-kuntratt imsemmi;

2. Tistabbilixxi, okkorrendo bil-hatra ta' Periti nominandi, l-import ta' tali misappropriazzjoni fil-valur li ssotratta frawdolentement u b'mod abbusiv u illegali b'misapproprojazzjoni fil-konfront tas-socjeta' attrici l-istess Fabrizio Loioli, u dan oltre l-imghaxijiet dovuti mid-data ta' tali att jew atti frawdolenti;

3. Tikkundanna bhala konsegwenza tal-ewwwel talba lill-istess konvenut Fabrizio Loioli sabiex jirrifondi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 720/2012 kontra l-istess konvenut Fabrizio Loioli li qieghed minn issa stess jigi ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Antonio Saletta bhala mandatarju specjali tal-intimat Fabrizio Loioli, li wara li gie eccepit illi:

Nonostante l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti GECX Group Italy Spa qed tibbaza l-kawza tagha fuq dak li hija ssejjah 'Joint Venture Agreement' tas-6 ta' Dicembru, 2011, hija ma esebiet lanqas biss kopja tieghu mar-rikors guramentat, kif del resto kienet tenuta taghmel skond il-ligi.

Mhuwiex minnu illi s-socjeta’ Getoil Ltd. dahlet f’xi ‘Joint Venture Agreement’ mas-socjeta’ rikorrenti GECX Group Italy Spa fis-6 ta’ Dicembru, 2011, kif gie mahluf mis-socjeta’ rikorrenti fir-rikors guramentat odjern.

L-intimat Fabrizio Loioli qatt ma ffirma Joint Venture Agreement mas-socjeta’ rikorrenti GECX Group Italy Spa, la ghan-nom tas-socjeta’ tieghu u lanqas ghan-nom tas-socjeta’ tieghu Getoil Litd.

Hemm proceduri ta’ arbitragg ghaddejin gewwa l-Italja bejn is-socjeta’ rikorrenti GECX Group Italy Spa u Getoil Ltd. fejn qed jigi sottomess u sostanzjat mis-socjeta’ Getoil Ltd. illi GECX Group Italy Spa, u/jew ir-rapprezentanti taghha iffalsifikaw il-firma ta’ Fabrizio Loioli fuq dak li jsejhu Joint Venture Agreement tas-6 ta’ Dicembru 2011 – **Dok. A.**

Tant hu hekk illi l-intimat Fabrizio Loioli qed jiehu azzjoni kriminali kontra r-rapprezentant ta’ GECX Group Italy Spa gewwa l-Italja – **Dok. B.**

Mhuwiex minnu li l-intimat ikkommetta xi frodi fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti jew li approprja favur tieghu xi flus tas-socjeta’ rikorrenti kif allegat b’mod malafamanti mis-socjeta’ rikorrenti fir-rikors guramentat, u dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-proceduri kriminali li l-intimat ghandu d-dritt jiehu kontra r-rapprezentant jew rapprezentanti tas-socjeta’ rikorrenti u/jew kontra s-socjeta’ rikorrenti stess.

Ghadaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jeccepixxi s-segwenti:

1. Illi talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti, stante li s-socjeta’ rikorrenti ma pprezentatx dak li hija ssejjah Joint Venture Agreement tas-6 ta’ Dicembru, 2011 flimkien mar-Rikors Guramentat taghha, u minn issa l-esponenti qieghed jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f’kaz li s-socjeta’ rikorrenti tesebixxi l-istess document.

2. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti, stante li ma jezisti l-ebda Joint Venture Agreement validu skond il-ligi bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' Getoil Ltd.

3. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti, stante li l-firma ta' l-intimat giet falsifikata jew b'xi mod iehor abbuzata mis-socjeta' rikorrenti GECX Group Italy Spa, u/jew mir-rapprezentanti taghha, fuq dak li s-socjeta' rikorrenti ssejjah Joint Venture Agreement tas-6 ta' Dicembru 2011 bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' Getoil Ltd.

4. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti, stante li l-intimat la kkommetta frodi fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti u lanqas approprja favor tieghu xi flus tas-socjeta' rikorrenti.

5. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti, stante li s-socjeta' rikorrenti qed tuza din il-kawza sabiex b'mod illegali, abbuziv u falsifikanti tiehu minghand l-intimat dak li hija tilfet kagun u responsabilita' taghha stess.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra skond il-ligi.

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet xhieda viva voce;

Rat l-affidavit imressqa;

Rat in-nota tad-difensur tal-intimat li permezz taghha huwa rrinunzja ghall-patrocinju tal-istess intimat.

Rat li l-intimat baqa' ma nkariga ebda difensur u lanqas ma ressaq provi ghajr id-dokumenti annessi mat-twegiba mahlufa

tieghu. Lanqas ma deher personalment ghal ebda udjenza fil-Qorti.

Permezz ta' din il-kawza is-socjeta' GECX qed titlob lil Qorti tikkundanna lill-Fabrizio Loioli jirrifondi flus li huwa ha minghandha bla ma kellu jedd ghalihom. Huwa jwiegeb li l-ftehim li fuqu issejjes il-kawza taghha s-socjeta' attrici qatt ma ezista. Jghid li l-firma tieghu fuq id-dokument giet falsifikata. Jghid li ma ha ebda flus tas-socjeta'.

Ikkunsidrat illi, minkejja n-nuqqas ta' l-intimat li jressaq il-provi tieghu bi twegiba ghall-kawza, is-socjeta' attrici baqghet mghobbija bil-piz li tipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li t-talba taghha jisthoqqilha li tintlaqa'.

Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Chef Choice Limited vs Galea (26 ta' Settembru 2013).

*"Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni filproċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l'ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika";*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka26. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li lparti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti*

*mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra lpretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha;"*

Premess il-fuq espost, din il-Qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti rnexxiela tipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi s-sitwazzjoni tassew svolgiet kif issostni hija, u li Fabrizio Loioli tassew approprja ruhu minn fondi tal-istess socjeta'. Hija ressqet fil-kuntest diversi provi, fosthom affidavit ta' Umar Faruk Manga, direttur precedenti tas-socjeta'. Ix-xhieda tieghu giet fermement sorretta mid-dokumenti kollha esebiti, fosthom dokumenti bankarji, kemm lokali kif ukoll esteri. L-istess Umar Faruk Manga ssokta jsostni t-tezi tal-istess socjeta' meta xehed viva voce quddiem il-Qorti. (ara dokumenti GECX 4 sa GECX 30 esebiti in atti a fol 178 et seq). Irrizulta illi Fabrizio Loioli approprja ghalih l-ammont ta' erba' miljun dollaru amerikan ekwivalenti ghal tlett miljuni, sitt mija erba u erbghin elf, hames mija u hamsa u sittin euro u sitt centezmi (€3,644,565.06). Dawn il-provi ma gew kontrastati b'ebda mod mill-intimat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba u tistabbilixxi l-ammont ta' tlett miljuni, sitt mija erba u erbghin elf, hames mija u hamsa u sittin euro u sitt centezmi (€3,644,565.06), tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Fabrizio Loioli jhallas lil GECX Group Italy Spa is-somma ta' tlett miljuni, sitt mija erba u erbghin elf, hames mija u hamsa u sittin euro u sitt centezmi (€3,644,565.06), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez jithallsu minn Fabrizio Loioli.

IMHALLEF

DEP/REG